

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Tahrìg Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru

(2012/C 388/04)

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Tahrìg Vokazzjonali (minn hawn 'il quddiem "iċ-Ċentru"), li jinsab f'Tessalonika, kien imwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ⁽¹⁾. Il-mandat prinċipali tiegħu huwa li jservi l-iżvilupp tat-tahrìg vokazzjonali fil-livell tal-Unjoni. Sabiex jilħaq dan l-objettiv, huwa għandu l-kompitu li jiġbor u li jxerred dokumentazzjoni dwar is-sistemi ta' tahrìg vokazzjonali ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll taċ-Ċentru. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn huwa relevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali ⁽³⁾ taċ-Ċentru, li jikkonsistu fir-"rapporti finanzjarji" ⁽⁴⁾ u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit" ⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji taċ-Ċentru, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati ⁽⁶⁾. Id-Direttur huwa responsabbli milli jistabbilixxi ⁽⁷⁾ l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u

l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni relevanti għat-tħejjija ta' kontijiet finali ⁽⁸⁾ li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁹⁾, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali taċ-Ċentru jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni relevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Huwa jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

⁽⁴⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' speġġazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

⁽⁷⁾ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁽⁸⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 u 2 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23), u huma integrati hekk fir-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru.

⁽⁹⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovdi bażi għall-opinjoni imniżżlin hawn taħt.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali taċ-Ċentru⁽¹⁰⁾ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus (likwidità) tiegħu għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni⁽¹¹⁾.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĖIT U DIK FINANZJARJA

12. Il-baĖit 2011 taċ-Ċentru ammonta għal EUR 18,9 miljun, li minnhom EUR 0,9 miljun (5 %) ġew riportati

għall-2012⁽¹²⁾. Ir-riporti jinkludu EUR 0,6 miljun f'appropriazzjonijiet għat-Titolu II "nefqa amministrattiva" (37 % mit-total tal-appropriazzjonijiet għat-Titolu II), EUR 0,075 miljun biss (13 %) ta' dan l-ammont huwa relatat ma' servizzi rċevuti fl-2011 u ġew dovuti bħala imposti. Il-livell baxx ta' dovuti huwa minħabba l-iffirmar ta' kuntratti qrib tmiem is-sena, li għalihom il-biċċa l-kbira tal-oġġetti u s-servizzi se jiġu pprovduti fl-2012. Il-livell eċċessiv ta' riporti għat-Titolu II jmur kontra l-prinċipju baĖitarju tal-annwalità.

13. Saru għadd sinifikanti ta' trasferimenti baĖitarji li kienu kkonċentri l-aktar fi tmiem is-sena⁽¹³⁾. Ġie trasferit ammont ta' EUR 0,7 miljun mill-"nefqa għall-persunal" tat-Titolu I għan-"nefqa amministrattiva" tat-Titolu II (EUR 0,2 miljun) -"nefqa operazzjonali" tat-Titolu III (EUR 0,5 miljun). Il-ġustifikazzjoni għal dawn it-trasferimenti baĖitarji kienet insuffiċjenti, peress li ma saret l-ebda stima tal-ħtiġijiet. Din is-sitwazzjoni tindika dgħufijiet fl-ippjanar baĖitarju u fil-programmazzjoni u tmur kontra l-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni.

KUMMENTI DWAR IL-KONTROLLI EWLENIN TAS-SISTEMI TA' SORVELJANZA U KONTROLL TAĊ-ĊENTRU

14. Kull sena, il-finanzjament miċ-Ċentru għal għotjiet għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV)⁽¹⁴⁾ jammonta għal madwar EUR 1 miljun⁽¹⁵⁾. Kien hemm dewmien sinifikanti fl-għeluq ta' għotjiet għas-sena 2010, għax il-benefiċjarji ppreżentaw ir-rapporti finali dwar l-attivitajiet tard. Iċ-Ċentru stess ittardja fil-verifikazzjoni ta' dawn ir-rapporti u fl-ipproċessar tal-pagamenti finali⁽¹⁶⁾.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija minn Dr Louis GALEA, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-11 ta' Settembru 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹⁰⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fit-13 ta' Ġunju 2012 u rċevuti mill-Qorti fid-29 ta' Ġunju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali, ikkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni, jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena ta' wara. Dawn jinstabu fuq il-websajt li ġej <http://eca.europa.eu> jew <http://www.cedefop.europa.eu/>.

⁽¹¹⁾ Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

⁽¹²⁾ L-appropriazzjonijiet riportati jirreferu għall-"infiq għall-persunal" tat-Titolu I u n- "nefqa amministrattiva" tat-Titolu II (m'hemmx riporti awtomatiċi għan-"nefqa operattiva" tat-Titolu III, peress li huma ġestiti bħala appropriazzjonijiet dissoċjati).

⁽¹³⁾ B'kollox, saru 77 trasferiment baĖitarju, li jammontaw għal total ta' EUR 1,5 miljun, li minnhom 67 trasferiment (EUR 1,3 miljun) saru f'Novembru u f'Diċembru 2011.

⁽¹⁴⁾ Iċ-Ċentru jagħti għotjiet lil netwerk Ewropew ta' referenza u ħila esperta ('ReferNet'), biex tingħata informazzjoni dwar l-edukazzjoni vokazzjonali nazzjonali u s-sistemi ta' u l-politiki dwar it-taħriġ fl-Istati Membri, fin-Norveġja u fl-Islanda.

⁽¹⁵⁾ L-2011 u l-2010: EUR 0,9 miljun

⁽¹⁶⁾ Bħala medja, il-pagamenti finali ttardjaw b'madwar 50 jum.

ANNEX

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Tessalonika)

Il-kompetenzi u l-attivitajiet

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 166(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Il-għbir ta' informazzjoni</p> <p>L-Unjoni għandha timplimenta politika ta' formazzjoni vokazzjonali, li għandha tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tal-formazzjoni vokazzjonali.</p>
<p>Il-kompetenzi taċ-Ċentru</p> <p>(L-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75)</p>	<p>L-objettivi</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala ċ-ċentru ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iċ-Ċentru jipprovdi lil min ifassal il-politika, lir-riċerkaturi u lill-professjonisti b'evidenza dwar xejriet attwali biex ikunu jistgħu jilhqqu deċiżjonijiet u azzjonijiet b'bażi soda.</p> <p>Iċ-Ċentru jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni u fl-iżvilupp ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fil-livell tal-Unjoni.</p> <p>Il-kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — li jiġbor dokumentazzjoni magħżula u jipproduċi analiżi tad-<i>data</i>; — li jagħti sehem fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' riċerka; — li jutilizza u jxerred informazzjoni rilevanti; — li jħeġġeġ u jappoġġja ħidma koordinata għal kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' taħriġ vokazzjonali; — li jipprovdi forum għal pubbliku wiesa' u varjat.
<p>It-tmexxija</p>	<p>Il-Bord Governattiv</p> <p><i>Il-kompożizzjoni</i></p> <p>Għal kull Stat Membru:</p> <ol style="list-style-type: none"> a) membru wieħed li jirrappreżenta l-Gvern; b) membru wieħed li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem; c) membru wieħed li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet tal-impjegati. <p>Tliet membri li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Il-membri msemmija f(a), b) u c) huma maħtura mill-Kunsill. Il-Kummissjoni taħtar il-membri li għandhom jirrappreżentawha.</p> <p>Koordinaturi mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati fil-livell Ewropew u osservaturi tal-pajjiżi taż-ŻEE wkoll jattendu għal-laqgħat tal-Bord Governattiv u tal-Bureau.</p> <p><i>Id-dmirijiet</i></p> <p>Li jadotta l-baġit, il-prijoritajiet tal-perjodu medju (l-ippjanar multiannwali taċ-Ċentru), il-programm annwali ta' ħidma u jivvaluta u janalizza r-rapport ta' attività annwali u l-kontijiet annwali. Huwa jadotta l-baġit finali u t-tabella tal-persunal.</p> <p>Il-Bureau</p> <p>Il-kompożizzjoni</p> <p>Il-President u t-tliet viċi presidenti tal-Bord Governattiv (wieħed minn kull grupp), koordinatur wieħed għal kull grupp u rappreżentant wieħed ieħor tal-Kummissjoni.</p>

	<p>Direttur maħtur mill-Kummissjoni minn lista' ta' kandidati mogħtija mill-Bord Governattiv, huwa responsabbli għall-amministrazzjoni taċ-Ċentru u jimplementa d-deċiżjonijiet tal-Bord Governattiv u tal-Bureau.</p> <p>Il-verifika interna</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Il-verifika esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>L-awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>
<p>Ir-riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2011 (2010)</p>	<p>Il-Baġit Finali</p> <p>EUR 18,83 (18,25) miljun</p> <p>Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni ⁽¹⁾: 97,5 % (97,7 %)</p> <p>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011</p> <p>L-għadd ta' karigi fit-tabella tal-persunal: 101 (101)</p> <p>Il-karigi okkupati: 97 (96)</p> <p>Persunal ieħor:</p> <p>Il-persunal kuntrattwali, 25 (24)</p> <p>L-esperti nazzjonali ssekondati 3 (5)</p> <p>It-total tal-persunal: 125 (125)</p> <p>Operazzjonali: 90 (90)</p> <p>Amministrattivi: 35 (35)</p>
<p>Il-prodotti u s-servizzi fl-2011 (2010)</p>	<p>L-analiżi u r-rapportar dwar żviluppi tal-politika</p> <p>Il-mandat taċ-Ċentru biex jiġi analizzat il-progress miksub fl-implimentazzjoni ta' prijoritajiet koŋgunti għall-ETV ġie kkonfermat u mwessa' fl-2010. Iċ-Ċentru żviluppa approċċ ġdid biex (i) kull sena jara fiex waslu l-iżviluppi tal-politika fil-pajjiżi sa mill-2010; (ii) iħejji rapport komprensiv tal-politika dwar il-progress lejn objettivi strateġiċi tal-politika fl-2014. Ġie implimentat qafas ġdid għal ReferNet – netwerk Ewropew taċ-Ċentru dwar l-ETV - għall-ġbir ta' informazzjoni sistematika dwar sistemi u żviluppi ta' politika tal-ETV. Il-Kummissarji għall-Edukazzjoni u l-Kultura u għall-Impjiegi taw kontribut għall-konferenza Agora taċ-Ċentru A bridge to the future - European vocational education and training policy 2002-10 (Pont lejn il-ġejjieni - Politika 2002-10 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali Ewropew). Kien hemm dibattiti dwar ir-riżultati ta' analiżi komparattiva tal-mekkaniżmi l-aktar effettivi u effiċjenti ta' qsim tal-ispejjeż għall-finanzjament tal-ETV f'konferenza bejn id-DG EAC u l-presidenza Ungeriża dwar it-tagħlim lill-adulti u fl-Akkademja tal-Iżvilupp tal-Ħiliet tal-ILO.</p> <p>L-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod Ewropej komuni</p> <p>Iċ-Ċentru kkoordinat l-Grupp Konsultattiv tal-QEK (Qafas Ewropew tal-Kwalifiki) b'mod koŋgunt mal-Kummissjoni Ewropea (DG EAC). Ġie ppubblikat rapport Development of national qualifications frameworks in Europe (L-iżvilupp ta' oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali fl-Ewropa) f'Ottubru 2011. Iċ-Ċentru analizza "rapport ta' referenzjar" minn 14-il pajjiż. 24 dokument ta' sfond u 24 preżentazzjoni f'16-il laqgħa relatata mal-QEK infurmaw id-dibattiti dwar il-politika (pereżempju: il-konferenza tal-Presidenza Ungeriża tal-QEK). Ġie finalizzat it-tieni rapport ta' monitoraġġ tal-ECVET li ffoka fuq strateġiji għall-implimentazzjoni tal-ECVET. Kompla l-appoġġ għall-EQAVET; inħarġet pubblikazzjoni <i>Assuring quality in VET – the role of accrediting VET providers</i> (Assigurazzjoni tal-kwalità fl-ETV – l-irwol tal-akkreditazzjoni tal-fornituri tal-ETV). Il-websajt Europass – ġestita miċ-Ċentru – qiegħda tintuża iktar u iktar miċ-ċittadini tal-Ewropa. Mindu ġiet varata, 16,6 miljun CV ġew iġġenerati on-line (2011: 5,8 miljun (3,8 miljun)). Biex tistimula koerenza akbar bejn l-għodod Ewropej iċ-Ċentru organizza workshop koŋgunt fil-Parlament Ewropew u Konferenza mal-imsieħba soċjali dwar l-irwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-għodod tal-UE. Żewġ noti ta' informazzjoni: Qualifications frameworks in Europe: modernising</p>

education and training (Oqsfa ta' kwalifiki fl-Ewropa: il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ); u Shaping lifelong learning: making the most of European tools and principles (It-tiswir tat-tagħlim tul il-ħajja: nagħmlu l-aħjar użu mill-għodod u l-prinċipji Ewropej) ġabret fil-qosor il-messaġġi l-aktar importanti għal min jagħmel il-politika. 243 **Żjara ta' Studju** ġew ikkoordinati fis-sena 2010/11 għal 2 723 speċjalista minn 31 pajjiż. Studji tal-impatt jenfazzaw rata għolja ta' sodisfazzjon (96 %) (100 %) ta' msieħba soċjali u kwalità.

Il-ħiliet u analiżi tal-kompetenza

Inharg **tbassir aġġornat dwar il-ħiliet**. Saret konferenza dwar metodi ta' tqabbil għat-tbassir ta' ħtiġijiet ta' ħiliet. - Sar qbil dwar l-approċċ u l-metodi għal sħarriġ Ewropew ta' min iħaddem, dwar ħtiġijiet ta' ħiliet f'impriżi. Seminar internazzjonali dwar l-antiċipazzjoni u t-tlaqqiġ tal-ħiliet ġabar flimkien parteċipanti prinċipali internazzjonali u nazzjonali fil-qasam. Ir-rapport ta' sinteżi **Skills for green jobs: a global view** (Ħiliet għal impjeggi ekoloġiċi: stampa globali) ġie ppubblikat mal-ILO. Ir-riċerka dwar **nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet** iffukat fuq kwistjonijiet ta' migrazzjoni. Ir-rapport ta' studju "Migranti, minoritajiet, nuqqas ta' tlaqqiġ?" was released.

Il-kwalifiki għal tagħlim tul il-ħajja

Is-sejbiet tar-riċerka dwar il-politiki għall-kurrikulu u l-valutazzjoni u l-implikazzjonijiet ta' riżultati tat-tagħlim għall-individwi ġew ippreżentati fil-Konferenza tal-Presidenza Pollakka dwar l-iżvilupp tal-kompetenza żaġhżuġha. Ġie organizzat workshop internazzjonali dwar l-**innovazzjoni** u r-riforma **tal-kurrikulu**. L-istudju **Learning while working** - Suċċess stories on workplace learning in Europe (Tagħlim waqt ix-xogħol - Stejjer ta' suċċess dwar it-tagħlim fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa) ġie ppreżentat fil-konferenza tal-Presidenza Pollakka u diskussa fil-laqgħa tad-Diretturi Ġenerali għall-ETV taħt il-Presidenza Pollakka. Rapport dwar Iggwidar tul il-ħajja analizza l-progress tal-pajjiżi fl-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iggwidar tul il-ħajja. Ġie kkompletat aġġornament tal-inventarju Ewropew **dwar il-validazzjoni** fi 32 pajjiż. Ġew ippubblikati nota ta' informazzjoni u erba' dokumenti tar-riċerka dwar il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-ETV.

L-impatt organizzattiv

Indikaturi prinċipali juru impatt organizzattiv għoli: ċitazzjonijiet f'105 dokumenti ta' politika tal-UE, 16-il mandat fil-livell tal-UE; kontributi diretti għal 13-il dokument ta' politika tal-UE. Żieda fit-traffiku tal-websajt; kontribut għal aktar minn 100 konferenza; 108 konferenzi/avvenimenti organizzati miċ-Ċentru; 130 pubblikazzjoni; 380 artiklu tal-midja relatati mal-ħidma reġistrata taċ-Ċentru. Aktar minn 496 000 pubblikazzjoni taċ-Ċentru mniżżla fl-2011 (+ 40 % meta mqabbla mal-2010).

Għal aktar informazzjoni ara www.cedefop.europa.eu (ir-Rapport Annwali u r-Rapport ta' Attività Annwali 2011).

(¹) Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tinkludi s-sovvenzjoni tal-Unjoni kif ukoll il-BRS.

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

IT-TWEGĠBIET TAČ-ĊENTRU

12. Ir-Rapporti tal-ABB għas-snin 2011 u 2012 juru li iżjed minn 57 % (u 53 % rispettivament) tat-Titolu II tal-baġit ġew impenjati sa Ġunju 2011 (u sa Mejju 2012).

Dinatura ċerti proġetti spiss idumu iżjed minn sena u minħabba raġunijiet operattivi l-impenji jkunu jridu jsiru matul l-aħħar kwart tas-sena. Fl-2011 50 % tal-impenji saru matul l-aħħar kwart tas-sena minħabba li ċerti proġetti kellhom jiġu postposti sal-aħħar tas-sena kaġun ta' dewmien fix-xogħlijiet ta' tiswija li ċ-Ċentru ma kellux kontroll fuqu. Iżjed minn 75 % tal-valur tat-trasferimenti awtomatiċi fit-Titolu II tlestew u ġew fatturati matul l-ewwel kwart tal-2012.

Ir-regoli finanzjari jipprevedu trasferimenti awtomatiċi bil-prinċipju tal-annwalità meqjus bis-sħiħ. Iċ-Ċentru żviluppa proċess komplut li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-baġit u ser ikompli bl-isforzi tiegħu ħalli jnaqqas il-perċentwal tat-trasferimenti awtomatiċi fit-Titolu II.

13. F'Ottubru 2010 ċ-Cedefop kien sar konxju minn tnaqqis fil-ħtiġijiet baġitarji fit-Titolu I u ppjana l-ħidma tiegħu skont dan. Iċ-Ċentru nġhata l-parir li ma jibdilx l-abbozz tal-baġit f'dal-istadju fil-proċedura baġitarja u li jipprevedi trasferiment sostanzjali mit-Titolu I ħalli jkopri l-ispejjeż fit-Titoli II u III għal proġetti inklużi fil-programm ta' ħidma annwali. Il-bqija tat-trasferimenti ammontaw għal inqas minn 4 % tal-baġit. Jenħtieġ isiru emendi f'dan is-sens kemm-il darba l-implimentazzjoni tal-baġit tkun għolja (99,18 % għas-sussidju tal-EU).

It-trasferimenti għandhom jiġu implimentati biss meta jinqalġu ħtiġijiet attwali għal dawn il-fondi. Għaldaqstant huwa inevitabbli li jsiru l-iżjed lejn l-aħħar tas-sena.

Iċ-Ċentru ser jagħmel it-trasferimenti tiegħu abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet iżda fil-ġejjieni ser jiddokumenta l-ġustifikazzjoni tagħhom fiżjed dettall filwaqt li jżomm f'moħħu r-rimarki tal-Qorti.

14. Il-ħlas tal-għotjiet jiġi ttrattat bl-istess mod tal-ħlasijiet kollha l-oħra. Fl-2009 ċ-Ċentru introduċa metodu effiċjenti ta' awtomazzjoni tal-ħlasijiet (PAME) u f'dawn l-aħħar snin naqqas b'mod sostanzjali d-dewmien bejn il-wasla tal-fatturi/rapporti u l-ħlasijiet.

Fl-2011 id-dewmien fil-ħlas tal-għotjiet kien żball u l-maniġment ġa ħa l-passi kollha meħtieġa biex dan ma jerġax jiġri.
